

22000D0210(04)

L 35/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.2.2000

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru 4/1999**

**tad-29 ta' Jannar 1999**

**li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed il-quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/98 tat-30 ta' Ottubru 1998 (¹);

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 426/98 tat-23 ta' Frar 1998 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li jorġinaw mill-annimali (²), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 613/98 tat-18 ta' Marzu 1998 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji f'affarijiet ta' l-ikel li jorġinaw mill-annimali (³), għandhom jiġu nkorporati fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjudin fil-punt 14 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90) tal-Kapitolu XIII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

- **398 R 0426:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 426/98 tat-23 ta' Frar 1998 (ĠU L 53, ta' l-24.2.1998, p. 3);
- **398 R 0613:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 613/98 tat-18 ta' Marzu 1998 (ĠU L 82, tad-19.3.1998, p. 14)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 426/98 u (KE) Nru 613/98 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħħ nhar it-30 ta' Jannar 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*F. BARBASO*

(¹) ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 53, korriġendum: ĠU L 226, tas-27.8.1999, p. 43.

(²) ĠU L 53, ta' l-24.2.1998, p. 3.

(³) ĠU L 82, tad-19.3.1998, p. 14.